# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT:
## Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 8 ta' Mejju 2001**

Citazzjoni numru 119/00AMT

Lonza sive Nancy mart Laurence Muscat

-vs-

Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li jaqra:

"l-attrici Lonza sive Nancy mart Laurence Muscat twieldet f'Victoria Ghawdex fl-ghoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija disgha u erbghin (1949) kif jirrizulta mill-att tat-twelid taghha bin-numru progressiv sitt mija u disgha u ghoxrin tas-sena elf disa' mija disgha u erbghin (629/1949) registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex, liema certifikat jinsab hawn anness u mmarkat Dokument "A".

Illi fl-istess att tat-twelid isem l-attrici gie imnizzel bhala "Lonza" u dan nonostante illi l-genituri taghha riedu li isem l-attrici jkun "Nancy".

Illi di piu l-attrici hija maghrufa ossia msejha bl-isem ta' "Nancy" u dan kif jirrizulta mill-kopja tas-social security card taghha kif ukoll mill-credit cards

f’isem l-attrici (Dok B) mentri fil-fatt fic-certifikat tat-twelid tnizzlet bl-isem ta’ “Lonza”;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid ta’ l-attrici billi fil-kolonna “Ismijiet moghtijin” kif ukoll fil-kolonna “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” l-isem “Lonza” jigi sostitwit bl-isem “Nancy”.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ngunt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attrici Lonza sive Nancy Muscat.

Rat l-opportuna pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern numru 5870 ta’ l-1 ta’ Awissu 2000 permezz ta’ l-Avviz numru 1187.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici ghall-beneficcju ta’ l-ghajnuna legali tas-6 ta’ Lulju 2000 akkordat minn dina l-Qorti diversament preseduta b’digriet ta’ l-istess jum.

Rat li l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku debitament notifikat baqa’ kontumaci.

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

L-attrici qeghdha taddici dina l-Qorti biex tikkorregi l-att tat-twelid taghha numru 629/1949 billi isimha “Lonza” migjuba fil-kolonni rispettivi “ismijiet moghtijin” u “isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi imsejha” jigi sostitwit bl-isem  “Nancy”.

Dina l-Qorti wara li semghet l-attrici u rat id-dokument anness mac-citazzjoni hi sodisfatta li t-talba taghha ghandha tigi akkolta stante li jirrizulta li hi maghrufa bl-isem ta’ “Nancy”.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti qeghdha  tilqa’ t-talbiet ta’ l-attrici, billi:

1. Tordna l-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid numru sitt mija u disgha u ghoxrin tas-sena elf disa' mija disgha u erbghin (629/1949) billi fil-kolonni rispettivament intestati "Ismijiet moghtijin" u "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi imsejha" l-isem "Lonza" jigi sostitwit bl-isem "Nancy".4

Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur